MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Numru. 104/2003

PULIZIJA
SPETTUR HELGA DEBONO
VS
OMAR CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omar Caruana, ta' 26 sena, bin France u Anna nee' Rapa, imwieled St Julians fl-10 ta' Dicembru 1976, u residenti 7, Mediterranean Court, Triq it-Tamar, Qawra, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 30477(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Lulju, Awissu, Settembru tas-sena 2002 u fiz-zmien ta' wara b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi:
(a) ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-isktrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Josanne Casasr u ta' persuni ohra fuq cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta' Ms. Josanne Cassar u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta' Josanne Cassar u persuni ohra, illi meat jigi pprezentat wiehed jista' jircievibih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikli 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm6500, bi hsara ghal HSBC, Josanne Cassar, Alfen Displays, u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikli 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li tkun, indahal biex imexxihom jew ibieghhom u dan bi ksur tal-Artiklu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat Artikli 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin, u tordna ai termini tal-Artiklu 28H tal-Kap 9 li l-imputat ihallas s-somma ta’ Lm1092.78 lill-kwerelanti fi zmien sitt xhur f’pagamenti mensili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------